

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1413

tat-3 ta' Awwissu 2017

**li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-prodotti kożmetiċi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-ossidu taż-żingu huwa awtorizzat bħala kolorant fil-prodotti kożmetiċi skont l-entrata 144 tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.
- (2) Fl-opinjoni tiegħu tat-18 ta' Settembru 2012 ⁽²⁾, li g'iet rieżaminata fit-23 ta' Settembru 2014 ⁽³⁾, il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS) ikkonkluda li l-użu tal-ossidu taż-żingu mhuwiex perikoluż meta jintuża bħala kolorant, mhux miksi u f'forma mhux nano, fil-kożmetiċi għall-applikazzjoni tal-ġilda. Madankollu, l-SCCS qies ukoll li fid-dawl tal-infjammazzjoni tal-pulmun ipprovokata minn partċelli tal-ossidu taż-żingu wara l-inalazzjoni, l-użu tal-ossidu taż-żingu fi prodotti kożmetiċi li jista' jwassal għall-esponiment tal-pulmuni tal-konsumatur għall-ossidu taż-żingu permezz tal-inalazzjoni, kien ta' tħassib.
- (3) Fid-dawl tal-opinjoni tal-SCCS, l-użu tal-ossidu taż-żingu bħala kolorant, mhux miksi, f'forma mhux nano fil-prodotti kożmetiċi għandu jkun ristrett għal dawk l-applikazzjonijiet li ma jkunux jistgħu jwasslu għal esponiment tal-pulmuni tal-utent aħħari permezz tal-inalazzjoni.
- (4) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (5) L-industrija għandha tingħata żmien raġonevoli biex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa fil-formulazzjonijiet tal-prodotti fid-dawl tat-tqegħid tagħhom fis-suq u biex tirtira mis-suq il-prodotti mhux konformi.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 342, 22.12.2009, p. 59.

⁽²⁾ SCCS/1489/12 Revision of 11 December 2012, http://ec.europa.eu/health/scientific_committees/consumer_safety/docs/sccs_o_103.pdf

⁽³⁾ SCCS/1539/14 Revision of 25 June 2015, http://ec.europa.eu/health/scientific_committees/consumer_safety/docs/sccs_o_163.pdf

Artikolu 2

Mill-24 ta' Frar 2018 prodotti kożmetiċi biss li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.

Mill-24 ta' Mejju 2018 prodotti kożmetiċi biss li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-entrata 144 tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 hija sostitwita b'dan li ġej:

Numru ta' referenza	L-identifikazzjoni tas-sustanza					Kundizzjonijiet			Liema kliem għandu jintuża fil-kundizzjonijiet tal-użu u t-twissijiet
	Isem Kimiku	Numru tal-indiċi tal-kulur/Isem fil-Glossarju tal-Ingredjenti Komuni	Numru CAS	Numru KE	Kulur	Tip ta' prodott, Partijiet tal-ġisem	Konċentrazzjoni massima fi preparazzjoni lesta għall-użu	Oħrajn	
a	b	c	d	e	f	g	h	i	j
"144	Ossidu taż-żingu (*)	77947	1314-13-2	215-222-5	Abjad			M'għandhux jintuża f'applikazzjonijiet li jistgħu jwasslu għall-esponiment tal-pulmuni tal-utent aħħari permezz tan-nifs	

(*) Għall-użu bħala filtru għall-UV, ara l-Anness VI, Nru. 30 u Nru 30a.”.